MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 247/2004

**Jeffrey Poulton**

**Vs**

**Mario Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-att tar-rikors li bih ir-rikorrent ippremetta illi l-kawza fl-ismijiet *Jeffrey Poulton vs Mario Farrugia* (Citazzjoni Numru 939/88JDC) giet deciza minn din l-Onorabbli Qorti b’sentenza tal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Novembru, tas-sena elf, disgha mija u disghin (1990) u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundanat ihallas lill-attur is-somma ta’ sitt mija u erba’ u disghin Liri Maltin u tlettin centezmu (Lm694.30), bl-imghax u bl-ispejjez.

Ippremetta illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn u b'hekk l-ammont dovut fil-mument huwa dak tas-*sorte* kif hawn fuq indikat, oltre is-somma ta' mitejn u seba' Liri Maltin u disa' u tmenin centezmu (Lm207.89) rapprezentanti spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument A, kif ukoll is-somma ta' disa' mija u tmienja u sittin Liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm968.78) rapprezentanti imghax legali kalkolat bi tmienja fil-mija fis-sena mid-data tas-sentenza sal-ahhar jum ta' Marzu, tas-sena elfejn u tlieta (2003) u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' elf, tminn mija u sebghin Liri Maltin u disa' u sebghin centezmu (Lm1870.97), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Ippremetta illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u l-esponenti ghandu interess illi jipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex jigbor l-ammont dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt illi jaghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-ligijiet ta' Malta jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzah jipprocedi bil-mandati opportuni sabiex jesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta risposta u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent;

Semghet l-Avukat tar-rikorrent;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' rikorrent kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------